MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Numru. 271/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Xavier Grech bin Joseph u Rosaria nee' Sultana, imwieled fid-19 ta' Marzu, 1953 u residenti fil-fond numru 62, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 21553(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Xavier Grech li gie akkuzat talli nhar is-27.01.2009 ghal habta ta' 11:00hrs u anki fil-hin ta' qabel fl-istess ghodwa fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex:

1) bhala l-persuna illi f'ismu ghandu licenzja tal-hanut 29, Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex u li kien qed jigestixxi attivita' kummercjali mill-fond, pogga ghall-bejgh artiklu jew kull oggett iehor fuq il-bankina meta dawn l-oggetti kienu joholqu ostakolu ghan-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi u li l-istess oggetti kienu jaccedu l-hamsin centimetru fuq l-istess bankina u dan sar bi ksur tar-Regolament 13 (03) tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1/2006;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat ir-Regolament 13 (3) tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1/2006;

Ikkunsidrat;

Illi mill-porvi pordotti rrizulta indubbjament illi l-imputat kien qed jostakola l-passagg liberu ghan-nies bil-merkanzija esposta fuq il-bankina. Dan gie kkonfermat kemm minn PC 115 Vincent Zammit kif ukoll mill-Gwardjan Lokali 67 Paul Attard. Illi d-difiza argumentat illi huwa kien ghamel dana wara ftehim milhuq bejn il-Kunsill Lokali u l-Pulizija 'il fuq minn hames (5) snin ilu.

Il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi l-ebda ftehim ma jista' jintlahaq illi b'xi mod jikser xi Ligi. Il-Ligijiet huma maghmula biex jigu osservati u ma tista' ssir l-ebda deroga mill-osservanza tal-istess;

Ghaldaqstant peress illi l-akkuza giet ampjament ippruvata, il-Qorti ssib lill-imputat hati u wara li rat l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mija u sbatax-il ewro (€117).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------